**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Numru: 607/2015JVC**

**Loreto Xuereb**

**Vs**

**Ir-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn Loreto Xuereb ippremetta:-

Illi l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali numru 607/2015 datata erbatax (14) ta' Settembru 2015 (Dokument A) spedita mir-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex) a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-istess Registratur qieghed jirreklama minghand l-esponenti l-ammont ta' elfejn hames mija u tlieta u hamsin ewro u tlieta u hamsin ewro centezmi (€2,553.53) rapprezentanti bilanc dovut bhala dritt tar-registru in konnessjoni mal-kawza numru 56/2007PC fl-ismijiet Loreto Xuereb et vs Paul Axiak deciza fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2007;

Illi kwalunkwe dritt li seta' kellu r-Registratur ghall-hlas tad-drittijiet tar-Registru in konnessjoni mal-kawza su citata llum jinsab preskritt bit-trapass ta' hames (5) snin a tenur tal-artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili;

Illi per konsegwenza t-talba tar-Registratur ghall-hlas tal-ammont reklamat fl-ittra hija wahda nfondata;

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara t-talba tar-Registratur, Qrati

Civili u Tribunali ghall-hlas tal-ammont ta' elfejn hames mija u tlieta u hamsin ewro u tlieta u hamsin centezmi (€2,553.53) bhala wahda nfondata stante li hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(g) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' dan ir-rikors kontra l-istess Registratur, Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex).

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex) fejn gie eccepit:

Illi r-rikorrent Loreto Xuereb kien wiehed mill-atturi fil-kawza numru 56/2007PC illi giet deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Gunju 2007 u ghaldaqstant, huwa solidament responsabbli, flimkien mal-attrici l-ohra, ghad-dritt tar-registru.

Illi l-preskrizzjoni nvokata mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' kif ser jintwera fil-kors ta' dina l-kawza u t-talba tal-esponenti ghandha tigi kkonfermata.

Ghaldaqstant, ir-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li fil-verbal tas-26 ta' Frar, 2016 ir-rikors thalla ghad-digriet ghal-lum.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-kopja tad-decizjoni datata 27 ta' Gunju, 2007 m'hemmx dubju li r-rikorrenti kien parti bhala attur fil-kawza li taghha r-Registratur qed jitlob li jithallas id-drittijiet skont it-taxxa;

Illi ma hemmx dubju wkoll li mill-atti jirrizulta li mid-data tad-decizjoni sad-data tal-ittra ufficcjali notifikata lil Loreto Xuereb nhar l-14 ta' Settembru, 2015 ghadda l-perjodu ta' hames snin preskrizzjoni kif indikat fl-artikolu 2156 (g) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u anke oltre;

Rat izda li fit-3 ta' Dicembru, 2012 ir-rikorrenti kien gie notifikat b'ittra ufficcjali ohra fejn intalab ihallas is-somma ta' €2,535.53 (il-Qorti nnotat li l-valur mitlub mir-Registratur gie ndikat erronjament bhala €2553.53 fir-rikors odjern) liema ittra jirrizulta li giet notifikata lir-rikorrent nhar il-5 ta' Dicembru, 2012. Jirrizulta li mis-27 ta' Gunju, 2007 cioe' d-data tad-decizjoni kif ukoll mid-data li nhadmet it-taxxa sal-5 ta' Dicembru, 2012 gia kien skada l-perjodu preskrittiv ta' hames snin u dan bi ftit xhur u ghaldaqstant dik l-ittra ufficcjali ma servietx sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni;

Semghet izda lil Loreto Xuereb jixhed bil-gurament fuq talba tar-Registratur intimat ai termini tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif isegwi:

'<u>L-Avukat Dottor Joseph Ellis:</u>
Ara Sur Xuereb inti kellek kawza kontra Paul Axiaq illi giet deciza fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007), tiftakarha l-kawza?

<u>Ix-xhud:</u>
Forsi, m'iniex cert, m'iniex sewwa, ma nafx.

<u>L-Avukat Dottor Joseph Ellis:</u>
Ma tafx le, ma tiftakarx?

<u>Ix-xhud:</u>
Insejt kemm ilu.

<u>L-Avukat Dottor Joseph Ellis:</u>
Eh?

<u>Ix-xhud:</u>
Insejt kemm ilu.

<u>L-Avukat Dottor Joseph Ellis:</u>
Imma tiftakarha l-kawza?

<u>Il-Qorti:</u>
Iva, fil-microphne, hekk ma.

Ix-xhud:
Iva, iva.

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:
Issa wara din il-kawza hareg kont mill-Qorti ta' elfejn u hames mija u hamsa u tletin ewro (€2535), inti dan il-kont hallastu?

Ix-xhud:
Ma niftakarx li hallastu.

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:
Eh?

Ix-xhud:
Ma niftakarx, u jien m'ghandi flus lil hadd sadattant.

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:
Imma jekk ma tiftakarx illi hallastu allura fejn taf li m'ghandek taghti flus lil hadd jew?

Ix-xhud:
Ma nafx.

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:
Eh?

Ix-xhud:
Ghedtlek m'ghandi naghti flus lil hadd jien sa fejn naf jien.

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:
Imma sa fejn taf int, imma taf hallastux dan il-kont? Taf jew ma tafx?

Ix-xhud:
Le ma nafx.

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:
Eh?

Ix-xhud:
Ma jigix go mohhi li hallasnieh dak.

Il-Qorti:
Ma jigikx go mohhok li hallastu?

L-Avukat Dottor Joseph Ellis:
Dak kollu.

Ix-xhud:
Ma nafx iva jew le, imma jien ma jidhirlix.'

Il-Qorti tqis li l-kliem imnissel mir-rikorrent kif suespost b'mod partikolari il-kliem 'Ma niftakarx li hallastu' u 'Ma jigix go mohhi li hallasnieh dak' u 'imma jien ma jidhirlix' mhux ekwivalenti ghall-kliem volut mil-ligi fl-artikolu 2160 (1) u cioe 'li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa' anzi l-kliem uzat mix-xhud jikkonsisti f'ammissjoni tad-debitu stante li jikkonferma li sa fejn jaf hu ma thallasx u mhux li ma jifatakarx jekk thallasx jew le u ghalhekk l-ammissjoni ta' Lorenzo Xuereb iggib fix-xejn l-applikabilita' tal-artikolu 2156 (g) Kap. 16 eccepit minnu ghall-kaz in kwistjoni f'termini tal-artikolu 2160.

**Digriet**

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tichad ir-rikors ta' Loreto Xuereb datat 23 ta' Settembru, 2015 u tikkonferma l-validita' tat-talba tar-Registratur ghall-hlas tal-ammont imsemmi fl-ittra ufficjali bin-numru 607/2015 datata 14 ta' Settembru, 2015.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur